# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**51.** **21 ta' AUUISSU 1909.** **L-EUUEL SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel disa xhur b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għa'd-Direzzjoni għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo, għal l-Amministrazzjoni għand il Cav: G. E. INGLOTT, 24, Rue D'Argens, L-Imsida.**

# L-Industriji Maltin.

Jidhirli jien li jecc ŭieħed ijrid jaf liema huma l-aħjar industriji li jgħoddu għal Malta ma għandux jagħmel ħaġa oħra ħlief jiftaħ il ctieb ta'l Istorja u jara liema chienu l-industriji li m'iż-żmienijiet l-actar kodma imxeŭ f'pajjisna u jara għala dac li irnexxa kabel ma għadux jeŭ ma għandux jirnexxi illum.

Għaldakstant meta ŭieħed ijdomm l-istorja fuk fuk ta'l industriji l-imgħoddija jcun kiegħed jitgħallem ħafna fuk l-industriji li jistgħu jitkanklu illum u għalhecc sejjer nati bidu għal dana ix-xogħol ċchejchen b'it-tama kaŭŭija li jcun ta fejda għal ħafna nies.

L-actar ŭaħda kadima fost l-industriji li katt nibtu f'il Gżejjer tagħna hi dic ta'ż-żara u il ħidma ta'l koton; u dina nistgħu ingħidu, bla ma nitkarrku, li tnisslet m'al miġja ta'l Feniċji f'Malta billi il ħidma ta'l koton chienet magħrufa ħafna f'il-Lvant (mnejn geŭ huma) u l-actar fl-Egittu. Il koton ma giex sgur imnissel haŭn u la minn Skallija u l-ankas minn Barbarija billi chif ijgħarrfuna xi chittieba antichi il koton beda jidher f'daŭn il pajjisi żmien ŭara li aħna conna ġa nafu bih f'pajjisna.

Fl-Istorja ta'd-dinja ta'l għaref Cesare Cantù insibu mictub :— «Majorca, Minorca ed Ivica fornivano a' Cartaginesi vino, olio, lane, muli ; Gozo, Cherchinesso, Malta erano già stati de' Fenici, e nell'-ultima i cartaginesi tenevano le principali tessiture. Tutte poi servivano di stazione al commercio, e di stazione al commercio, e di ripari per rinfrescar le navi ; » u ftit iżjed il kuddiem, fl-istess storja insibu ucoll : "Dal fondo dell'Affrica i Cartaginesi traevano i Negri, molto ricercati principalmente in Italia; pietre ed oro dalla Grecia; cotone da Malta; bitume da Lipari ; cera, miele e schiavi dalla Corsica ; ferro dall'Elba.»

Barra m'il Cantù nista ingib ucoll dac li kalu Gesenio, il Heeren, il Muller u storici oħra famusi ; iżda jidhirli li daŭc l-erba chelmiet ta'l Cantù huma b'iż-żejjed biex jippruvaŭlna ċar u tond li il ħidma ta'l koton u l-insiġ f'Malta huma antichi ħafna ; u billi il Cartaginiżi għammru fostna għal ħabta ta' ħames mitt sena kabel Cristu, minn dan nistgħu naraŭ li l-industriji f'Malta huma kodma ħafna.

Li il koton u l-insiġ chienu minn dejjem ŭaħda m'il aħjar industriji f'pajjisna naraŭh minn dan ucoll li Malta għadha sa'l-lum tati koton sabiħ ħafna u għad haŭn f'il campanji tagħna min jaħdmu tant tajjeb li ma tagħirfux, tista tgħid, m'ix-xogħol ta'l magni ; u dana jistgħu jixhduh id-drappijiet li ŭera dan l-aħħar f'il Buschett is-Sur Ellis u id-drappijiet ta'l-lanchè li kiegħed jinseġ bi prova is-Sur Tancred Curmi biex jara jistax jibda jlibbes bihom il Pulizija.

Il Putz, Professur ta'l Istorja u ta'l Geografija fl-Università ta' Colonja, f'il Germanja, fl-opra tiegħu « Elementi di Storia e Geografija Universale » li kaleb m'it-tedesc għa't-taljan T. Mattei insibu : « Le navi Cartaginesi visitavano quasi tutte le coste ed isole del Mediterraneo, specialmente nella parte occidentale, Sicilia, Italia Meridionale, Malta (sede riguardevole di manifatture, massime di tessuti), Corsica, l'Elba, le Beleari, la Spagna. »

U dana jsaħħaħ dac li kal Cantù li f'daŭc iż-żmienijiet antichi Malta ġa chienet imfaħħra ma'd-dinja għal l-insiġ li chien ijsir fiha. U irrid inżid ucoll li sa chemm l-insiġ malti fi żmien il Cartaginiżi chien jisir hecc tajjeb u chien tant imfittex li chienu jriduh cullimchien, dana jfisser li il ħidma tie-

għu chienet bdiet ŭisk żmien kabel, u għalhecc ma cabbarna xejn meta f'il bidu ta' dana l-articolu għidna li ħidma ta'l koton f'da'l gżejjer nibtet mal miġja ta'l Feniċji.

Jecc mela dina l-Industrija chienet chibret seŭŭa f'pajjisna kabel il miġja ta'r-Rumani (li chif ijgħarrafna il cbir storicu Titu Livju ħaduħa minn taħt idejn il Cartaginisi mitejn u ħmistax il sena kabel Cristu); f'iż-żmien li daŭna ir-Rumani ħacmu il gżejjer tagħna ma setgħitx dina l-industrija ħljef ticber iżjed billi ir-Rumani f'daŭc iż-żmienijiet chienu l-actar nies għorrief u li mxeŭ il kuddiem f'cull sengħa u f'cull daŭl ta'l moħħ.

Il Cav: Boisgelin, fl-Istorja tiegħu ta' daŭn il Gżejjer imsejjħa « Ancient and Modern Malta » jgħidilna li ir-Rumani kanklu chemm setgħu f'Malta il Cummerċ; u li il ħŭejjeġ ta't-tajjar u ta'l għażel li chienu jinħadmu haŭn f'Malta f'daŭc iż-żmienijiet chien imfittxa f'Ruma billi chienu jgħodduhom bħalha ħuejjeġ ta'l-lussu. Issa f'dic il ħabta ir-Rumani chienu mogħtija għal cull ħala u għal cull ħaġa ta cumdità li chien jista joħlok il bniedem billi chellhom f'idejhom gid cbir ŭisk u għaldakstant sachemm l-insiġ ta' Malta chienu jgħodduh bħal ħaġa ta' lussu jidher b'iċ-ċar li chien ijsir tajjeb tasseŭ.

U biex insaħħaħ dan li kiegħed ingħid irrid ingħarraf lil min ma jafx li l-insiġ ta' Malta chien tant imsemmi f'daŭc iż-żmienijiet li faħħruh saħansitra żeŭġ poeti latini gŭappi: Lucrezju Caru u Silju Italicu f'il poeżiji sbiħ tagħhom. Barra minn daŭn faħħruh ucoll l-istoricu famus grieg Diodoru Siculu u il cbir oratur Marcu Tullju Cicerun.

Dac li kal il għaref Cicerun fukna il Maltin u fuk l-industriji tagħna sejjer inħallih għal articolu ieħor billi jiġbed ftit f'it-tul. Illum irrid nispiċċa b'daŭna l-erba chelmiet ta'l imfaħħar Diodoru Siculu biex nuri li iċ-ċiviltà f'Malta hi antica daks l-akŭa ŭaħda ta'l Eŭropa.

Dana jgħid:

« F'in-naħħa ta' Skallija li tħares lejn nofsinhar hemm tliet gżejjer b'portijiet tajjba għal minn ijrid ijmur jistchenn fihom. L-eŭŭel ŭaħda, li hi tmienin stadju bogħod minn Serkuża, għandha portijiet m'il aħjar. In-nies ta' d'il gżira jitħarrġu f'ħafna snajja u jagħmlu drappaijiet li għa'r-rekka u għal irtuba tagħhom huma imfittxa ma cullimchien. Dina il gżira hi colonja ta'l Feniċji li billi iccummerċjaŭ sa'l punent f'il bogħod ħatruha għal portijiet tagħha biex ijcunu jistgħu jischenneŭ fiha. Għaldakstant in-nies li jgħammru f'd'il gżira, b'il għajnuna ta'l Feniċji, f'kasir żmien stagħneŭ u kiegħdin għal xogħolhom jakilgħu it-tifħir ta' cullħadd. Hemm ma genbha gżira oħra li jisimha Gaŭlu (Għaŭdex) li għandha xi portijiet tajjbin ucoll u li hi ueoll taħt il ħacma ta'l Feniċji. »

Mela minn dac li rajna s'issa nistgħu ingħidu li fuk l-elfejn sena ilu Malta ġa chienet imfaħħra m'ad-dinja għal l-industriji tagħha. Għala mela illum ŭakgħet u intrifset taħt irriglejn? Għala ma għadx għandna il ħila ta' kabel? Mela tasseŭ li ġralna bħal granc li f'loc jimxi il kuddiem jimxi l-ura!! Għajb għalina! L-Istorja ta' pajjisna hi tant cbira li illum ma isservinhiex ħlief biex tħammrilna ŭiċċna.

★

# FRAC.

Il Gvernatur kabel ma telak minn Malta għal collox ħall il Cunsill, sena kabel ma chien ijmissu jispiċċa. Dana jfisser li taħt il platt hemm xi ħaġa ġdida, igifieri xi tibdil f'il Costituzjoni u għalhecc ma ndumux ma jcollna l-elezzjonijiet. Nistgħu ingħidulcom mn'issa li is-sur Cicc u sħabu da'l ŭakt jibdgħu jmellsucom biex tergħu ittellgħuhom fuk is-siġġu ta'l bellus, u d'id-darba b'acbar ħrara billi tnejn minn daŭc li jintgħażlu jpappu it-tliet mitt lira ta'l Esecuttiv. Issa issur Cicc ma jatix b'ir-rigel iżjed lil fehma ta'l poplu (sa jitla); u għalhecc ifthu għajnejcom għa't-tmellis tiegħu u jecc jagħmlilcom xi meeting staksuh għala ma għamlux kabel meta talabulu is-Sur Dalli u l-istampa indipendenti collha. Kisu li ma jŭicculcomx xi Cunsilieri minn daŭc li jsaħħnu biss is-siġġu jeŭ minn daŭc li jħallu is-siġġu vojt bi ħsara cbira għal gid ta'l poplu billi il għad ta'l Cunsilieri ta'l poplu hu ġa żgħir b'iż-żejjed!

★

Aħna conna faħħarna, f'numru m'il imgħoddija ta'n-« Naħla, » lil bravu tabib-ta'l-għajnejn Carlu Manchè meta chienu faħħruh ħafna il gszzetti taljani fuk is-sehem li chien ħa f'il Congress ta'l Oculistica li sar ma ilhux. Illum giè taħt għajnejja it-taħdita li chien għamel fuk il cura ta'l cancru f'il għajn u chif tfejjku b'il clorat ta'l potassa, ħaġa li ippruvaha hu stess. Dana il librett, għad li żgħir, fih b'iż-żejjed biex ŭieħed jara li it-Tabib Carlu Manchè chiseb ġa ħila cbira f'il fejkien ta'l għajnejn bħal ma jistgħu jixhduh ucoll l-eluf ta' nies li kiegħdin joħorġu imtejjkin (saħansitra ŭara operazzjonijiet tkal) m'il Istitut li fetaħ ma missieru il Ħamrun. Dana l-Istitut kiegħed jagħmel gid bla tarf f'il pajjis u għalhecc irnexxa ħafna. Irrid mela nifraħ lil Prof: Curunell Lorenz Manchè M. D. m'hux biss talli irnexxielu iben li jagħmel għal ħiltu gieħ lilu u lil pajjis collu.

★

Żagħżuħ ieħor ta' ħila hu, u ma' jmerini ħadd, l-Avucat Ġanni Galea, li da'l granet ħareġ stampata sabiħ ħafna m'it-"Tipografia Salesiana" dic il conferenza tant sabiħa u imfaħħra fuk Don Bosco li chien kara fl-Istitut ta's-Salesjani stess. Dana hu ŭieħed m'il ftit żgħażaħ li jafu b'it-taljan tajjeb u Alla għogħbu jżejjnu b'tant intelligenza li m'hux biss nitma li għad jimxi ħafna f'il-letteratura iżda bħalha Avucat ucoll.

★

Fraħt ħafna meta krajt li sejjra tarġa tibda titkankal il Festa Nazzjonali ta't-8 ta' Settembru, għaliex hemm bżonn tasseŭ li nitkanklu ftit m'il ingħas tagħna. L'Assedju il Cbir hu ŭaħda m'il isbaħ faċċati ta'l Istorja ta'd-Dinja u għalhecc it-tifchira tiegħu ma għandna inħalluha minn klubna tintefa katt. J'Alla tirnexxi seŭŭa biex sen'oħra jitħajjru jagħmluha aħjar.

★

Smajna u fraħna tasseu, li is-surmast ta'l Musica Ferdinandu Camilleri illesta kuddiesa scont il *Moto Proprio* tal Papa Piu X Is-Sur Camilleri, biex jista jeseguiha fil cnejjes, bagħatha biex tcun mgħoddija mill Cumissioni ta Ruma li inħolkot biex tifli jecc il musica sagra hijex scond ma jrid il Papa.

Daŭn il granet smajna li il Commissioni għaddiethilu u nhar il Ħadd jeseguiha tas-Sliema għal festa ta' Stella Maris. Il ħila ta's-Sur Camilleri, uieħed li niżiel minn familja colla musicisti m'il aħiar, hì magħruta minn colhadd, għax chiteb musica ta hleuua liema bhala u fost collox għadhom jissemmeu *irresponsorii* tal Gimgha il Cbira li dari chienu isiru cul sena fil Cnisia ta Stella Maris, eseguiti minn hatna professuri.

L'is sur Camilleri nifirħulu b'kalbna colla u nixtiekgħulu li dejjem jibka sejjer il kuddiem b'fohrija għalieh u għal pajjishu.

✠

# AĦBARIJIET TA' BARRA.

**Il Papa Piu X.** f'id-disgħa ta' Aŭŭissu għalak sitt snin li ilu li laħak Papa u għalhecc f'il Cappella Sistina saritlu funzjoni sollenni sabiħa ŭisk.

**It-Turchija** saħnet seŭŭa contra il Greĉja fuk il qŭestioni ta' Creta u trid b'il fors tkankal gŭerra; iżda billi il potenzi ŭiddbuha li jecc tkankal il gŭerra jakbżu huma għal Greĉja, nistgħu nibkgħu sguri li il gŭerra ma is-sirx u hecc jitfaddal ħafna ĉarcir ta' demm.

**Spanja** kiegħda tibgħat ħafna nies f'il Marocc u ma bi ħsiebhiex iċċiedi kabel tħarbat il Mori seŭŭa.

**F'Barcellona** jibżgħu li jarġa jitkankal x'irvell ieħor u għalhecc ma humiex ħlief jaslu culljum riġmenti ta' suldati ġodda u hemm l-ordni li malli jaraŭ lil xi ħadd jisrak minn xi dar jeŭ minn xi ħanut jisparaŭ fuku.

**Fl-America** is-suffragisti, igifieri in-nisa li jridu jcollhom sehem f'il Parlament ijridu jressku b'il fors, bħalha President lil certa sinjurina Jane Adams!

**Il Professur tedesc Forster** kal li il mard li jittieħed jaħchem actar fost il poplu baxx billi l-ichel ta' dana hu niekes ħafna m'il albumina. Mela ifthu għajnejcom u biex ma tircbux mard culu chemm tistgħu u ixorbu bajd u ħalib.

**F'Cowes**, f'it-tiġrija ta'l jottijiet li chien hemm, ħa l-eŭŭel (fost għaxar jottijiet) il *Hispana* ta's-Sultan Alfonsu ta' Spanja.

**Fi Stoccolma** tkankal xjopru cbir ta' mitejn u ħamsin elf ruħ.

**F'Barcellona** mar passiġġier u hecc mar jiddescrivi il ħsara cbira li għamlu ix-xeŭŭiexa: il Cnisja u il Cunvent ta'l Maddalena huma gozz irmied li għadu jdaħħan; f'dana il cunvent chienu jgħixu mitejn soru u ħelsu m'il meŭt billi ħarbu liebsin ta' rġiel. Ix-xeŭŭiexa meta ma sabuhomx kalgħu sa'l catavri minn ġo't-tŭiebet u daru bihom ijgħajjtu għajat ta' ndannati ma'l belt, u fl-aħħar ħarkuhom f'ħuġgieġa. Ħŭejjeġ li jagħmlu għajb lill Medio Evo! Il cunvent collha geŭ imħarbtin u fuk il ħitan ta'ċ-celel sabu mictub: "*Evviva ir-Repubblica! Evviva l-Anarchija!*" Il Qŭartier ta's-suldati Los Veteranos taŭħ il pitrolju ŭara li serku l-armi u sar gozz irmied, u ma'l qŭartier saru faħam bosta nisa li chienu jinsabu magħlukin hemm geŭ bħala arrestati talli ħadu sehem f'it-tixŭixa. M'il Cnisja u il Cunvent ta' St' Antnin ma bakax ŭiekfa ħlief ftit ħitan imdaħħna. Ma dana il Cunvent inħarket ucoll il famusa biblioteca li chien fiha ma't-80,000 ctieb u laboratorju ta'l Chimica sabiħ ħafna billi f'dana il Cunvent chienu jmorru jitgħallmu ma'l elf scular. Ħarku u serku ucoll l-aħjar ħŭienet. Saħansitra it-tfal tħajjru jagħmlu bħal cbar u f'il ħin li chienu jġorru f'nofs it-triek xi biċċa għamara kadima jduru ma dŭarha, jatuha in-nar u jgħajjtu:—"*Evviva ir-Repubblica.*" Il General Santiago, biex irakkad d'it-tixŭixa kalila sab ma ŭiċċu tfixchil cbir. L-eŭŭel saram chien dan li ma chellux biex ijgħinuh ħlief suldati m'il Catalonja u daŭna ma riedux jisparaŭlu fuk in-nies ta'l pajjis tagħhom stess. It-tieni li ix-xeŭŭiexa bdeŭ jinħbeŭ biex jisparaŭ ŭara it-tfal, in-nisa u ix-xjuħ u għalhecc Santiago ma riedx jispara fuk min chien innocenti u għaldakstant ma setgħitx trażżanhom ħlief il Cavalerija biss b'ix-xŭabel. Minn bosta m'il monasterji sparaŭ fuk ix-xeŭŭiexa b'ir-revolvers. Ħafna minn daun il vili xeŭŭiexa imbagħad meta arrestaŭhom bdeŭ jinxteħtu għa'r-rcopptejhom jibchu u jitolbu ħniena, u biex jeħilsuhom bdeŭ ijgħajjtu "*Evviva is-Sultan! Evviva l-Esercitu!*" u fi bŭiethom sabulhom ħafna ħŭejjeġ misruka li jkumu il flejjes cbar. Is-Sultan Alfonsu karsitu ħafna dina ir-rivoluzzjoni u għalhecc billi minn cull deni dejjem jinbet xi gid, neħħa ġa dac il priviliġġ li chellhom il għonja li ma jmorrux għa'l-leva. Ir-Re Alfonsu ħareġ ligi li giet appruvata m'il Ministri li cull min ijlaħħak il għoxrin sena, għani jeŭ fkir, għandu jagħmel is-servizz militari u dina il-ligi intgħoġbot ŭisk u il poplu feraħ biha bla tarf.

**Fi Dresda** ġara ħruk cbir li għamel ħsara cbira u li fih mietu u correŭ ħafna nies. Cull sena f'dina il belt issir fiera u jibnu ħafna barracchi ta'l injam ma tul ix-xtajta ta'x-xmara Elba biex ijservu ta' ħŭienet, teatrini, restaŭrants u x'naf jien. Ŭaħda minn daŭna il barracchi kabdet u ħadu in-nar l-oħrajn collha. Chien hemm fihom ma'l erbgħin elf ruħ.

**F'Tunes** scond ir-rapport ta'l Conslu Berkeley hemm 5,000 malti.

**F'Mejju** ta's-sena li gejja tcun tidher seŭŭa b'il għajn il famusa cometa ta' Halley li rieska ġmielha lejna. L-aħħar li dehret chien fl-1835.

**Silvju Docetti**, taljan, sab chif ijħaddem iċ-cinematografu b'id-daŭl ta'x-xemx f'loc b'il-luce elettrica.

**Bejn iċ-Cina u'il Ġappun** għal ftit ma tkanklitx gŭerra oħra ħarxa. Il Ġappuniżi riedu jcomplu il ferrovija Autung-Mukden u iċ-Cinisi ma riedux; iżda malli il Ġappun heddidhom seŭŭa b'il gŭerra iċ-Cinisi rakkdu il għalla u ħalleŭh jagħmel dac li ried hu. X'jisŭa bill iċ-Cina għandha ma'l erba mitt miljun ruħ jecc huma bla kalb.

**Bejn Londra u Berlin** li huma bogħod minn xulxin 850 mil kiegħed ijsir telefonu u sa's-sena li gejja min jokgħod f'Berlin ijcun jista jitchellem b'it-telefonu ma min jokgħod f'Londra fi ftit minuti. Fejn għad naslu?

**Orville Wright** ħabbar li kiegħed jibni areoplan li bih iŭeħed jista jdum fl-ajru chemm ijrid.

**Barbato** ħalla mitejn u ħamsin elf lira sterlina biex bihom jinbena sptar għal daŭc li huma morda b'il cancer.

**Fejn Barcellona** il vapur ta'l art ħarab minn fuk il ħadid u ħalla tnejn mejtin.

**F'Lisbona** ma humiex kiegħdin ijħalluhom jagħmlu it-tkabid ta'l barrin (corrida) u jagħmlu seŭŭa billi ma għandhomx jinħakru l-annimali biex jatu pjacir u jgħaddu iż-żmien l'innies.

**Fi Bruselles**, belt capitali ta'l Belġju, f'xatt ix-xmara sabu imkatta gisem ta' xbejba ta' xi ŭieħed u għoxrin sena bla ma jafu għad min katilha.

**L-Imperatur** u l-Imperatrici ta'r-Russja marru jagħmlu żjara l'ir-Re ta'l Ingħilterra u geŭ milkugħin mi'l aħjar. Il jott tagħhom gie milkugħ mi'l flotta Ingliża li chien fiha mija u ħamsin biċċa. Tistgħu taħsbu x'salut sar! Ħaġa ŭaħda biss bixclet ħafna lil l-Imperatur u lil ta' ma dŭaru; li ra ballun jiġġiera fuk rasu u ħaseb li sejjer ijŭaddablu xi dinamite iżda ŭara sguraŭh li min chien fih chien ingliż galanton li tala hemm fuk biex jara aħjar.

# Il Melodramm Malti.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Biex tistgħu tifmhu aħjar chemm intgħoġob u b'ex jibka bħalha tifchira ta' dic illejla li ma għandha tintesa katt u li fiha, darba għallankas il maltin għamlu ħakk ma min jistħokklu sejjer ingib l-articolu sabiħ li chien deher f'il « Gazzetta di Malta » ta'l għada chif inhu :—

## FRAZIR

Jeri al nostro massimo s'è data la prima del *Frazir*, un opera in quattro atti del Maestro Paolino Vassallo, uno dei nostri più illustri concittadini.

Malta non s'è mai mostrata indietro agli altri paesi nell'arte melodrammatica, ed ha avuto sempre dei figli valorosi che hanno coltivato con intelletto d'amore quest'arte nobilissima che ingentilisce i cuori e nobilita i nostri sentimenti. Anche oggi una schiera numerosa di valenti maestri nostrali mantiene vivo nei nostri animi il sentimento della musica che viene tramandato di generazione in generazione, simbolo eterno di quella gentilezza d'animo che è stato sempre il pregio primo del carattere maltese.




L'aspettazione per tanto, era grandissima e fin dalle 8.30 p.m. il teatro gremiva di spettatori, impazienti di sentire le prime battute dell'opera nuova del nostro illustre e valente concittadino.

La stampa era tutta rappresentata e tutti i maestri di musica, frai quali abbiamo notato anche delle illustri personalità straniere; vollero onorare di loro presenza il maestro Paolino Vassallo, i meriti artistici del quale sono da tutti universalmente riconosciuti.

Il Maestro Paolino Vassallo non è nuovo per le scene. Parecchi anni fa egli si è presentato al pubblico coll'*Amor Fatale*, che è stato premiato in un concorso a Londra colla medaglia d'oro.

L'*Amor Fatale* incontrò l'entusiasimo di tutti i competenti dell'arte, perchè fu da tutti ritenuto di fattura veramente classica e degno di un Maestro che sia addentro nei secreti dell'arte musicale. Nè poteva essere diversamente perchè il Maestro Paolino Vassallo ha dimostrato fin da piccino delle disposizioni nell'arte musicale e studiò a Parigi sotto la valente direzione del Maestro Massenet, che nell'arte musicale è una delle più spiccate personalità che dominano sul mondo.

Il *Frazir* ha affermato ancora una volta la valentia musicale del nostro illustre concittadino, che dal suo ritorno in Malta da Parigi ha saputo mantenere sempre alto il nome dell'*Istituto Musicale* che dirige e del quale egli è stato il felice promotore.

Noi non intendiamo punto, nella fretta del momento, rilevare tutti i meriti di questa opera grandiosa: ma per ora ci basta estendere con tutta chiarezza e semplicità le nostre prime impressioni e le impressioni di tutto un pubblico scelto e numeroso, che gremiva la platea, i palchi e la galleria.

La sortita del Maestro Paolino Vassallo, che volle lui stesso dirigere per la prima volta l'opera sua, fu salutata da un applauso vivissimo e caloroso che durò parecchi minuti.

Il Maestro Vassallo era evidentemente commosso di quella spontanea e cordiale manifestazione di simpatia che gli veniva da tutto il teatro e tentò più volte di far cessare l'applauso dando principio alla musica, ma inutilmente perchè l'applauso continuava sempre persistente.

Finalmente furono sentite le prime battute del primo atto e pel teatro subentrarono come d'incanto un silenzio ed un'attenzione religiosa.

L'aria del mezzo-soprano, nonchè il susseguente duetto col tenore sono stati calorosamente applauditi. I primi allori della serata, però, toccarono alla romanza della quale si chiese il *bis* ma inutilmente, perchè il tenore era indisposto. Il finale dell'atto fu anche esso vivamente applaudito ed il Maestro Vassallo ebbe tre chiamete sul proscenio fra gli applausi insistenti di tutti gli spettatori.

L'entusiasmo che ha suscitato il primo atto del *Frazir* è stato come il lievito di un'entusiasmo sempre crescente che scoppiò fragorosissimo alla fine del' quarto atto.

Difatti è stato applaudito e bissato il grandioso coro del second'atto (anche il Maestro dei Cori è stato chiamato agli onori della ribalta) ed il finale. Ed il Maestro Paolino Vassallo ebbe altre tre chiamate sul proscenio fra gli applausi insistenti di tutto il pubblico che era sempre più entusiasmato dalle note del nostro illustre concittadino.

Il terz'atto fu letteralmente applaudito dalla prima all'ultima nota. L'intermezzo fu dovuto bissare e furono vivamente applauditi la serenata, il duetto, il quartetto ed il finale.

Il Maestro Vassallo ebbe nuova chiamata alla ribalta e fu chiamato agli onori del proscenio anche il Dott. M. A. Refalo l'autore del libretto.

Nel quart'atto furono vivamente applauditi la canzone del mezzo-soprano, l'aria del tenore ed il finale.

*(Jissocta.)*

# RUSANNA

(*Tissocta minn numru ta' kabel.*)

« Għaliex ? »

--« Għaliex il bagolli ma chienux mimlija b'il flus bħal ma għedt inti iżda b'il porvli. »

Censu ħares ħarsa lej Carlu, u x'ħin kabad jidħak kal :—

—« Il mitt xifajc, chien porvli eh ? Għalhecc mela, issa ke'd nigi fiha kabel ma' difnuhom nakkeŭ l'iscartoċci collha. »

—« Mela inti cont taf biħ dan, hux ? Staksieħ imdaħdaħ Carlu.

—« Iva cont naf bih m'il-eŭŭel, » ŭiegeb xott Censu.

--« Mela int inkast minn chelmtec, u għaddejt ġmielec iż-żmien bija, » beda jgħejdlu Carlu. Il miljuni li semmejtli ma chienux ħlief ħolma ta' rasec, u klajt d'il basla biex tgħaddini ta' vavu, biex tiddieħak bija.

—« Jien ma għedtx ħlief is-seŭŭa, ibni. Jiena ŭiegħidtec teżor l-actar prezjus, trovatura m'il egħżeż li tista tistgħalli. U il chelma tiegħi, ta' ragel u suldat li jien, inżommha sa'l aħħar. Biss ma hemmx bżonn immorru sa Spanja biex insibuħ: »

—« Mela fejn ? x'inti tgħeżŭer u tgħid ? »

—« Minn haŭn u ftit ieħor tifhimni, » kallu Censu.

Il carrozzin ŭakaf kuddiem bieb ta' ħanut; Censu u Carlu niżlu u daħlu fih.

Carlu għaraf li dac chien il ħanut li fiħ chien jaħdem l-eŭŭel imgħallem li chellu. Chien imbajjad, misbuh, imdiheb nadif donnu xummiema u micsi b'il għodda collha li jinħtiegu għal dic is-sengħa sabiħa.

Ħabat sejjer ijsaksi x'chienet dil biċċa u għala irranġaŭ hecc dac il ħanut, x'ħin għajnejh ŭakgħu fuk il faċċata ta'l banc fej minkuxin u mdihbin chien hemm ismu, cunjomu u x'jagħmel.

Carlu imbala fih in-nifsu, iżda actar stagħgeb x'ħin malli nfetaħ il bieb li jati għal geŭŭa ra il fuclar ijħaġġeġ, mejda mħejjija għal ichel u Rusanna ma dŭarha li stednitu biex jieclu buccun flimchien milli lestietlu.

Censu dar fuku, ħadlu idu f'tiegħu, u kallu :—

—« Jien ŭiegħidtec li ntic teżor, trovatura għażiża, u haŭn hi. Għandec ħanut fej tista tibka taħdem għal rasec u tfajla helŭa li bla biża ta' xej tħennilec ħajtec collha. Dan collu li kiegħed tara haŭn geŭ hu għarkec u demmec u sar m'il flus li klajt int. Xejn tieħodha bi cbira jecc jiena għedtlec xi ħaġa b'oħra. Il veru hena ma ridtx taf bih u jien għamiltlec bħal ommijiet li biex jisku xi ħaġa morra l'uliedhom jagħmluhom il ħelu f'xifer it-tazza. Issa li xrobt m'it-tazza ta'l veru hena, għandi tama kaŭŭija li ma intix sejjer tħalliha f'il genb biex tarġa tibda tiggiera ŭara pjaciri fierha u ħarrieka bħal ta' kabel. Ibni, le, m'hux il flus jagħmlu ħieni il bniedem, iżda meta ŭieħed jakdi dmiru u jakla il buccun ta' żakku bil ħakk, u meta jcollu kalb ta' anġlu miegħu biex tfarrġu f'in-nichet tiegħu jista biss f'id-dinja jduk xi ftit minn dic it-tħennija li ma tinsab għand ħadd sħiħa f'id-dinja. »

Carlu għannak l'ix-xŭejjah Censu u biesu chemm felaħ fuk ġbinu. Rusanna chif chienu imgħannkin tħajjret ucoll u bdiet tbushom b'chemm chella ħila, u minn dac il ŭakt bdiet għal Carlu u għal Rusanna ħajja ta' ħena tant cbira li Carlu sgur ma chienx jibdilha ma't-teżori ta' Spanja collha.

TMIEM.

# STORJA TA'L PAPIET.

XXIX.

## S. CAJU.

**Saltan għal tnax il sena, erba xhur u disa t-ijiem. Laħak f'is-sena 283 u miet f'is-sena 296.**

Dan laħak fi żmien icreħ ŭisk billi chien jaħchem fuk Ruma il chiefer Dioclezjanu li is-saltna tiegħu tista tissejjaħ « żmien il martri.» Caju chien minn Spalatru, belt f'id-Dalmazja u bin Caju u hemm min ijrid ijgħid (Farlati) chien neputi ta'l Imperatur stess. Ħalak il giurisdizzjoni ta'l kassisin igifieri li l-ebda kassis ma sata jaka taħt il ħakk ta's-seculari. X'uħud ijgħidu li miet martri, oħrajn le. Il Paperbrochio jgħid li miet f'il Catatombi. Chien ŭieħed m'il Papiet li l-actar ħadmu bi ħrara cbira għal gid ta'l Cnisja u biex ijxerrdu it-tŭemmin ta' Cristu.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

AUUISSU.

23—1568. Laħak G. Mastru Pietru Del Monte.

24—1824. Saret il Casa d'Industria.

25—1645. Infetaħ l-Archivju biex jerfgħu fih ir-Registri ta'n-Nutari il mejjta.

26—1534. Laħak Gran Mastru Pietru del Monte.

27—1649. Imbena it-torri ta' Sant' Agata fejn il Mellieħa.

28—1602. Il Papa sicchet lil l-Iskof Gargallo meta chellu x'ijgħid ma'l Cnisja ta'l Portu Salvu billi ried jagħmel parroċċa lil Cnisja ta'l Carmnu.

29—1679. Saret parroċċa il Gnisja ta'l Għarb ta' Għaŭdex.

**B'il ħalk** xi dakkiet tisma actar milli b'il uidnejn. L-inginjieri abbord meta jridu jsibu xi ħsara f'iċ-cilindru jsoddu tajjeb ŭidnejhom, ijżommu tajjeb biċċa ħadida bejn snienhom u jfittxu biha. Actarx jirnexxilhom li jisimgħu dac li ma jcunux semgħu b'ŭidnejhom.

**Jecc il becc ta'l gass** ma tcunx taraħ meta ticteb jeŭ takra ma jagħmillec l-ebda ħsara f'għajnejc. Jecc tagħmillu globu m'il-ŀeŭn il ħalib aħjar.

**Jecc tolkot laringa** b'balla ta' azzarin f'in-nofs tagħha seŭŭa, titfarrac f'tant bcejjeċ żgħar li ma tidherx iżjed u m'hux tittakkab.

**Is-sistema** « **metricu** » bdeŭh il Franciżi fl-1790. Ŭara daħal fl-Olanda (1816), f'il Belġju (1820) u fl-Isvezja (1889).

**L-acbar Universita' ta'd-dinja** hi dic ta' Parigi u li fiha m'al għaxar t'elef student. Dic ta' Oxford fl-Inghilterra, ma tlaħħakx actar minn elfejn.

**Fl-Inghilterra** hemm minn jonfok elfejn lira f'cullar ta' chelb; tmintax il xelin ta' nofs ratal fraŭli; elf lira f'libsa; elf lira f'sodda. Hemm sinjura li is-suali ta' fuk ta'l palazz tagħha kiegħdin għal clieb biss bi sptar għal clieb u cull sodda tiegħu għandha mitt lira renta f'is-sena.

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

L-Imbit beda tiela ġmielu f'ras De Saqueville u għalhecc tah li jibda jpeĉlak. Il Cavalieri iż-żgħażaħ l-oħra malajr ŭakkgħu il cliem tuk il ġmiel u il ħleŭŭa ta'n-nisa maltin u fuk chemm chienu jafu jħobbu bl-icreħ. Min beda jfaħ-ħar ii għajnejn suŭed u saħħarin tagħhom, min id-dliel tuti, min il kamħi leŭnhom, min il krolli tommhom jeŭ il ħrar ta'l beŭs tagħhom li chien jixgħel l-irjus actar minn dac l-imbit li bla heda chienu kiegħdin icheŭŭsu.

De Saqueville chien għad għandu ma xuftejh it-togħma ħelŭa ta'l beŭs ħami ta' Carmena; chien għadu chif ġarrab sa fejn tasal xbejba maltija meta takleb rasha ŭara xi ħadd; chien għadu kiegħed ijħoss, bħal irbit ta' lifgħa, it-tgħanniek sfieki tagħha, u ma satax ħlief ijgħin lakxa seŭŭa f'dic il ħuġġieġa ta' tifħir li daŭc iż-żgħażaħ Cavalieri chienu cheb-bsu biex ijcomplu jsaħħnu irjus daŭc in-nisa Maltin li chienu kiegħdin fuk dic il mejda jitbagħirdu magħhom.

Ŭara it-tifħir beda it-tħarrif; culħadd beda jiftaħar chemm il xebba maltija ŭakget taħt idejh, u billi collha chienu im-nisslin minn gidd tajjeb, collha bdeŭ ijsemmu ħafna xebbiet ta'l aħjar familji maltin, u imgħoxija b'id-daħk u bl-iżjed cliem faħxi bdeŭ ijgħidu ħaġa b'ħaġa chif bellgħuhom is-sunnara b'ittama li jinżgħu minn Cavalieri u jiżżeŭġuhom.

De Saqueville chien ilu ħafna jdaŭŭar ma lsienu dac li ftit ħin kabel chien għadda bejnu u bejn Carmena li chienet mixtieka m'il Cavalieri sħabu collha. Il cburija tiegħu ucoll sef-sfitlu m'hux li jgħid għala chemm chemm sata jħarrec driegħu billi spalltu chienet marbuta b'id-dakka ta' xabla li kala il-lejl ta' kabel, iżda li jintefaħ billi chellu il ħila jagħmel ir-riek f'imnieħer ŭieħed m'il actar fizzjali li jżommuha maltin. U billi l-imbit u il foħrija tiegħec in-nifsec ma jħallulecx actar ħajta f'ilsienec u ma tibkax imħabba fihom iżjed sid ta'r-rieda tiegħec, De Saqueville kal ħaġa b'ħaġa il ġrajja ta' Carmena collha kalb it-tfakkiegħ ta'l idejn ta' sħabu u l-inchejja ta'n-nisa maltin li chien hemm u li chellhom juru ŭiĉĉ b'ieħor biex jitħalku magħhom. Il Balliju, chien ħdejn De Saqueville, beda jgħannku u jbusu fuk fommu għax bilfors ried jisraklu ftit minn dic it-togħma ħelŭa ta'l beŭs malti li chien bakgħalu ma' xuftejh. L-oħrajn collha bdeŭ ijferrgħulu l-imbit f'it-tazza u jridu b'il fors ijceĉĉuba ma' tagħhom b'is-saħħa ta'l ħelŭa bint il Ħachem u għal inchejja ta'l cburi Ambroġ li chien jobgħodhom ħafna; u rieduh b'il fors l-għada jgibha miegħu ħalli jixorbu xarba imbit għal ġmiel ta' għajnejha u għal ħleŭŭa ta'l krolli fommha.

De Saqueville kallhom li chien ġa taijjarha m'il bejta u ŭarraba f'loc aħjar u li hemm chellu jmur ijsibha biex ijseb-baħ magħha ŭaħdu.

Il Balliju ħassarlu; kallu li Ambroġ dic il-lejla ma chienx jitlef ŭakt ŭieħed biss biex ijsibu u jitħallas minnu; kallu li ma chienx galbu minn dic is-sħana collha joħroġ f'dic ix-xita kalila u f'dic il chesha li ixxokk il għadam collhu u ŭiddbu ucoll li ma chienx f'sictu biex jircheb iż-żiemel f'lejla cherha bħal dic.

—"U jecc jiltaka miegħec Ambroġ tiflaħ tilkgħu chif jixraklec?" kabeż kallu il Balliju, "u jecc il ħamla taħcmec u is-sukec? Isma minni bħal ma smajt dejjem, biex ma tagħlix. Il-lejla strieħ għandi u għada, ma's-sebħ, parpar baxx baxx." kallu De Goutre.

(*Jissocta.*)

Ŭara marda kalila li ġarrab b'sabar ta' veru nisrani, ħalla dana il ŭied ta'd-dmugħ ftit ġranet ilu, il Ħamrun,

**LUCREZJU AGIUS**

ta' 62 sena, mibchi minn cull min chien jafu għal l-imgieba tajjba tiegħu ma culħadd, u ŭisk actar minn uliedu li rabba f'il biża t'Alla u fosthom Nonu li hu il proto ta'l « *Empire Press.* » Alla jati lilu il mistrieħ ta' dejjem, u is-sabar lil min bakagħlu. Itolbu għal ruħu!

---

Ħanut cbir u sabiħ għal chiri b'is-supplica u il commodi-tajjiet collha li trid is-Sanità, f'Balzunetta, Sda: Botanico, No 14. Staksu għand Attard li jokgħod fl-istess triek numru 12.

**MICHELA FALZON**
**NURSE AND MIDWIFE**
**158, Strada San Giuseppe — Senglea.**

## ID-DIABETE

hi marda li jecc tilkagħha m'il eŭŭel tista tfiek minnha f'kasir żmien, iżda li jecc tħalliha tidħol il ġeŭŭa seŭŭa bla ma tic-curaha tista anche tibagħtec id-dinja l-oħra. Ilhom snin cbar jitħabtu biex ijsibu rimedju seŭŭa li jfejjakha f'kasir żmien u għal collox u fl-aħħar irnexxeŭ billi sabu il

**FERMENTIN**

li scond ma jgħidu l-aħjar Professuri ta'd-dinja għal d'il marda ħadd ma jagħlbu. Ippruvaŭħ mela m'il actar fis!

---

Min hu marid bl-Anemija (takar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'għoxrin ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tie-let flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ tukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor-Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sul-tana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

Ippruvaŭħ! gid jagħmlilcom sgur.

---

## GHA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, culħadd jobgħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħaf-na gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

---

Fl-**Istitut ta's-Sur C. L. Borg**, ta' Strada Due Porte, 188-189 l-Isla jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa ingliża, taljana, fran-ciża, latina, ta'l Matematica u ta'l Cummerĉ, ta'l Istorja, Cal-ligrafija u Reliġjon.

---

In-neguzjant u ħajjat Giovanni Valenzia ta' Bormla għadu chemm ircieva assortiment cbir ta' casimiri, flanelli, alpaca u ta' drappijiet oħra m'il aħjar; u javża li jagħmel ilbiesi minn lira u tnax il xelin il fuk. Min ijrid jixtri id-drapp biss ijbegħlu ucoll. Collox irħis u iggarantit.

Min ijrid jitgħallem ijfassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak=ha f'idejn seuŭa b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh=din l=Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju=mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u faj=jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

---

Min ijrid jixtri

# CAUCAU

**m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ijfittex il marca tant imfahhra**

# BENSDORP

ghand il maghrufa minn cullhadd

# C. CAMILLERI & SONS

50-51, STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.

---

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stam-pa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**